SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

20 ta' Lulju 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 2003/88/KE — Artikolu 7 — Dritt għal leave annwali mħallas — Irtirar fuq talba tal-persuna kkonċernata — Ħaddiem li ma jkunx għamel użu mid-drittijiet kollha tiegħu tal-leave annwali mħallas qabel it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu — Leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud — Leave tal-mard — Uffiċjali"

Fil-Kawża C-341/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Verwaltungsgericht Wien (qorti amministrattiva ta' Vjenna, l-Awstrija), b'deċiżjoni tat-22 ta' Ġunju 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Lulju 2015, fil-proċedura

Hans Maschek

vs

Magistratsdirektion der Stadt Wien – Personalstelle Wiener Stadtwerke,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn F. Biltgen (Relatur), President ta' Awla, A. Borg Barthet u E. Levits, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Awstrijak, minn G. Eberhard, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Kellerbauer u M. van Beek, bħala aġenti,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

2 Din it-talba saret fil-kuntest ta' kawża bejn H. Maschek u l-Magistratsdirektion der Stadt Wien – Personalstelle Wiener Stadtwerke (amministrazzjoni tal-awtoritajiet muniċipali tal-belt ta' Vjenna – dipartiment tal-persunal tas-servizzi tekniċi tal-belt ta' Vjenna, l-Awstrija), l-amministrazzjoni li timpjegah, dwar allowance għal leave annwali mħallas li ma tteħidx minn H. Maschek qabel it-tmiem tar-relazzjoni tax-xogħol tiegħu.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2003/88

3 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2033/88, intitolat "Leave annwali", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal-leave annwali bil-ħlas ta' mill-anqas erba' ġimgħat b'konformità mal-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave bħal dan stabbilit bil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika.

2. Il-perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas ma jistgħax ikun mibdul b'pagament ta' benefiċji bħala kumpens, apparti minn meta r-relazzjoni ta' l-impieg tkun ġiet itterminata."

Id-dritt Awstrijak

4 Id-Direttiva 2003/88 ġiet trasposta fid-dritt Awstrijak, u b'mod partikolari, fir-rigward tal-uffiċjali tal-belt ta' Vjenna, bl-Artikolu 41a tal-Gesetz über das Besoldungsrecht der Beamten der Bundeshauptstadt Wien – Besoldungsordnung 1994 (liġi dwar ir-remunerazzjoni tal-uffiċjali tal-belt kapitali federali Vjenna, Leġiżlazzjoni dwar ir-remunerazzzjoni 1994), kif emendata fl-2014 (iktar 'il quddiem il-"BO"):

"(1) Sakemm ma jiġix impjegat mill-ġdid f'dipartiment ieħor tal-belt ta' Vjenna, uffiċjal għandu dritt, meta jitlaq mis-servizz jew meta tintemm ir-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, għal allowance kumpensatorja għal parti tal-leave annwali tiegħu li ma jkunx ħa [allowance (għal leave annwali mħallas mhux meħud)].

(2) L-uffiċjal għandu jkun responsabbli għall-fatt li ma jkunx għamel użu mid-drittijiet kollha tiegħu għal leave annwali b'mod partikolari meta jitlaq mis-servizz

1. fil-każ ta' tkeċċija [...] sa fejn jitkeċċa għal raġunijiet ta' *culpa*;

2. fil-każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol konformement mal-Artikolu 33(1) [assenza inġustifikata], mal-Artikolu 73 [riżenja] jew mal-Artikolu 74 [tkeċċija] [tal-Gesetz über das Dienstrecht der Beamten der Bundeshauptstadt Wien – Dienstordnung 1994 (liġi dwar l-uffiċjali tal-belt kapitali federali ta' Vjenna – Leġiżlazzjoni dwar is-servizzi 1994) (iktar 'il quddiem id-"DO")] jew

3. fil-każ ta' rtirar fuq talba tiegħu skont il-punt 1 tal-Artikolu 68b(1), l-Artikolu 68c(1) jew l-Artikolu 115i tad-[DO].

(3) L-allowance [għal leave annwali mħallas mhux meħud] hija kkalkolata separatament għal kull sena kalendarja li għaliha ma jkunux ittieħdu d-drittijiet għal leave annwali li ma jkunux iddekadew.

(4) L-uffiċjal għandu dritt għal allowance [għal leave annwali mħallas mhux meħud] għas-saldu tad-drittijiet tiegħu li jistgħu jiġi rkuprati li jkun baqa' wara li jkunu tnaqqsu l-ġranet effettivament meħuda matul is-sena ċivili.

[...]"

5 L-Artikolu 68c(1) tad-DO jipprovdi li uffiċjal li jkun għalaq is-60 sena jista', fuq talba tiegħu, jiġi rtirat meta t-tluq tiegħu jkun kompatibbli mal-interessi tas-servizz.

6 Konformement mal-Artikolu 68b(1) tad-DO, it-talba ta' uffiċjal għall-irtirar għandha tintlaqa':

"(1) meta l-uffiċjal kellu karriera li tkun damet 540 xahar

(2) meta l-uffiċjal ma jkunx jista' jwettaq xogħlu minħabba inkapaċità ta' xogħol fis-sens tal-Artikolu 68a(2) tad-DO."

7 L-Artikolu 115i(1) tad-DO jipprovdi li t-talba għall-irtirar tal-uffiċjal għandha tintlaqa' jekk huwa jkun laħaq età ta' bejn 720 u 776 xahar u jkun wettaq, qabel l-irtirar tiegħu, numru suffiċjenti ta' perijodi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-pensjoni tiegħu.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

8 H. Maschek, imwieled fis-17 ta' Jannar 1949, ilu uffiċjal tal-belt ta' Vjenna mit-3 ta' Jannar 1978.

9 Bejn il-15 ta' Novembru 2010 u t-30 ta' Ġunju 2012, id-data tal-irtirar tiegħu, huwa kien assenti mix-xogħol.

10 Il-qorti tar-rinviju ssostni li mill-fajl amministrattiv ta' H. Maschek jirriżulta li l-amministrazzjoni li timpjegah inkludiet fir-reġistru tagħha, bħala assenza għal raġunijiet ta' mard, biss il-perijodu bejn il-15 ta' Novembru u l-31 ta' Diċembru 2010.

11 L-organizzazzjoni li timpjega lil H. Maschek ma kkontestatx l-assenzi l-oħra ta' dan tal-aħħar matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2011 u t-30 ta' Ġunju 2012, minħabba li kienet ikkonkludiet, ma' dan tal-aħħar, żewġ ftehimiet dwar dawn l-assenzi u l-konsegwenzi tagħhom.

12 L-ewwel ftehim, konkluż fl-20 ta' Ġunju 2010, jipprovdi kif ġej:

"1. Ġenerali Is-sitwazzjoni ma tippermetti f'ebda każ li l-belt ta' Vjenna tkompli tibbenefika mis-servizzi ta' H. Maschek bħala kap ta' unità lil hinn mill-perijodu indikat hawn taħt. Fid-dawl tal-irtirar ta' H. Maschek previst għall-1 ta' Ottubru 2011, il-belt ta' Vjenna ftiehmet miegħu dan li ġej:

2. Talba għall-irtirar tal-1 ta' Ottubru 2011 Sal-aħħar tas-sena, H. Maschek għandu jippreżenta talba għall-irtirar b'effett mill-1 ta' Ottubru 2011.

3. Funzjoni ta' kap ta' unità Sabiex ikun hemm tranżizzjoni bla xkiel, H. Maschek għandu jissokta bil-pożizzjoni tiegħu ta' kap ta' unità sal-31 ta' Diċembru 2010. Sa din id-data, huwa għandu jagħmel użu minn 5 sa 6 ġimgħat mil-leave annwali tiegħu. It-tqassim tal-leave tiegħu għandu jitwettaq sal-aħħar ta' Ottubru konformement mal-Wiener Linien [linji gwida tal-belt ta' Vjenna]. Fl-1 ta' Jannar 2011, H. Maschek ser ikun illiberat mill-funzjoni tiegħu ta' kap ta' unità.

4. Rinunzja tas-servizz B'effett mill-1 ta' Jannar 2012, il-Magistratsdirektion-Personalstelle Wiener Stadtwerke għandu jirrinunzja għas-servizzi ta' H. Maschek, li jibqa' jirċievi s-salarju".

13 It-tieni ftehim, konkluż fil-21 ta' Lulju 2011, u li jissostitwixxi l-ewwel wieħed, jipprovdi kif ġej:

"1.

Ġenerali Il-partijiet firmatarji ta' dan il-ftehim jaqblu li s-servizzi ta' H. Maschek fil-funzjoni ta' kap ta' unità ma jistgħux jibqgħu jiġu pprovduti lil hinn mill-perijodu indikat hawn taħt. Fid-dawl tal-irtirar ta' H. Maschek previst għall-1 ta' Ottubru 2012, il-belt ta' Vjenna ftiehmet miegħu dan li ġej:

2. Talba għall-irtirar tal-1 ta' Lulju 2012 H. Maschek għandu jippreżenta, bil-miktub, talba għall-irtirar b'effett mill-1 ta' Lulju 2012. Id-deċiżjoni tal-irtirar ta' H. Maschek ser tiġi kkomunikata lilu personalment [...] H. Maschek jiddikjara bil-miktub li ma huwiex ser jikkontesta legalment din id-deċiżjoni.

3. Funzjoni ta' kap ta' unità H. Maschek eżerċita l-funzjoni ta' kap ta' unità sal-31 ta' Diċembru 2010. Huwa ġie lliberat minn din il-funzjoni b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.

4. Rinunzja tas-servizz B'effett mill-1 ta' Jannar 2011, il-Magistratsdirektion-Personalstelle Wiener Stadtwerke, bi ftehim ma' Wiener Linien GmbH & Co KG, għandu jirrinunzja s-servizzi ta' H. Maschek, li jibqa' jirċievi s-salarju". [...]

7. Kundizzjoni sospensiva Dan il-ftehim huwa suġġett għall-kundizzjoni sospensiva li d-dikjarazzjoni ta' rinunzja tal-21 ta' Lulju 2011 tagħti lok għall-effetti legali kollha u li H. Maschek jiddikjara legalment li huwa ser jirrinunzja għal kull azzjoni legali kif prevista fl-Artikolu 2 ta' dan il-ftehim."

14 Fil-mument tal-konklużjoni tat-tieni ftehim, H. Maschek ippreżenta wkoll talba għall-irtirar. Konsegwentement, l-amministrazzjoni li timpjegah adottat, fil-21 ta' Lulju 2011, deċiżjoni li permezz tagħha H. Maschek ġie rtirat b'effett mill-1 ta' Lulju 2012, abbażi tal-Artikolu 115i(1) tad-DO. Għaldaqstant, H. Maschek intrabat li jirrinunzja għal kull azzjoni legali kontra din id-deċiżjoni.

15 Skont il-qorti tar-rinviju, huwa għalhekk stabbilit, minn naħa, li mill-15 ta' Novembru 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010, l-assenza ta' H. Maschek mill-post tax-xogħol kienet iġġustifikata minħabba leave tal-mard u, min-naħa l-oħra li, mill-1 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' Ġunju 2012, jiġifieri sakemm intemmet ir-relazzjoni ta' xogħol tiegħu minħabba l-irtirar, H. Maschek kien marbut li jkun assenti mix-xogħol minħabba l-istruzzjonijiet tas-servizz, li kienu jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tieni ftehim.

16 H. Maschek isostni madankollu li huwa marad ftit qabel it-30 ta' Ġunju 2012. Konsegwentement, huwa jqis li għandu dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud u f'dan ir-rigward, huwa ppreżenta talba lill-amministrazzjoni li timpjegah.

17 B'deċiżjoni tal-1 ta' Lulju 2014, din tal-aħħar ċaħdet it-talba tiegħu, abbażi tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 41a(2) tal-BO.

18 Il-Verwaltungsgericht Wien (qorti amministrattiva ta' Vjenna), li quddiemha tressaq rikors minn H. Maschek kontra din id-deċiżjoni, sostniet, fl-ewwel lok, li kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-Artikolu 41a(2) tal-BO mal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88.

19 Fil-fehma tagħha, l-Artikolu 41a(2) tal-BO iċaħħad lill-uffiċjal "li huwa responsabbli għall-fatt li ma jkunx għamel użu mid-drittijiet kollha tiegħu għal leave annwali" b'mod partikolari, jekk jiġi rtirat abbażi tal-Artikolu 115i(1) tad-DO, kif inhuwa l-każ fil-kawża prinċipali.

20 Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju tqis, fid-dawl ta' sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, li l-Artikolu 41a(2) tal-BO probabbilment imur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/8, sa fejn l-uffiċjal, li jkun ġie rtirat fuq talba tiegħu, jiċċaħħad mid-dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud, anki meta, ftit qabel l-irtirar tiegħu, l-imsemmi uffiċjal kien marid u ppreżenta ċertifikat mediku f'dan ir-rigward.

21 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud ta' ħaddiem, bħal fil-kawża prinċipali, li ma setax jagħmel użu mid-drittijiet kollha tiegħu għal leave annwali mħallas qabel it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu. Hija tqis, b'mod partikolari, li l-għoti ta' din l-allowance għandha tkun suġġetta għall-fatt li tali ħaddiem għandu jinforma lil min jimpjegah bil-mard tiegħu fi żmien xieraq u jipprovdi ċertifikat mediku li jiġġustifikah.

22 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tqajjem il-kwistjoni dwar jekk, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-Artikolu 41a(1) u (2) tal-BO imur kontra d-dritt tal-Unjoni, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandhiex tipprovdi, favur ħaddiema li illegalment jiċċaħdu minn allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud skont din id-dispożizzjoni, modalitajiet għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt iktar favorevoli minn dawk previsti mill-imsemmija direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-ammont tal-allowance li għandha tingħata lil dawn il-ħaddiema.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgericht Wien (qorti amministrattiva ta' Vjenna) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Dispożizzjoni nazzjonali bħal dik tal-Artikolu 41a(2) tal-[BO], li ma tipprovdi ebda allowance [għal leave annwali mħallas mhux meħud] fis-sens tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE favur ħaddiem li, fuq talba tiegħu stess, itemm ir-relazzjoni ta' xogħol b'effett minn mument partikolari hija kompatibbli mal-Artikolu 7 ta' din id-direttiva?

Fil-każ ta' risposta fin-negattiv, dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi li kull ħaddiem li jtemm ir-relazzjoni ta' xogħol fuq talba tiegħu stess għandu jagħmel dak kollu li huwa neċessarju sabiex jagħmel użu mid-drittijiet tiegħu ta' leave annwali qabel it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol u li, meta tintemm ir-relazzjoni tax-xogħol fuq talba tal-ħaddiem, dan ikollu biss dritt għal [allowance għal leave

annwali mħallas mhux meħud] jekk, anki wara li jkun ressaq talba għal leave annwali li jibda mill-jum li fih huw talab it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, dan il-ħaddiem ma setax jagħmel użu mid-drittijiet tiegħu b'mod li jikkorrispondi mal-ammont li hija bbażata fuqu t-talba għall-allowance [hija kompatibbli mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE]?

2) Għandu jitqies li l-ħaddiem ma jkollux dritt għal [allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud] minflok id-drittijiet għal leave annwali tiegħu, meta, minħabba inkapaċità għax-xogħol, huwa ma setax jagħmel użu mid-drittijiet tiegħu għal leave annwali immedjatament qabel it-tmiem tar-relazzjoni tax-xogħol tiegħu, [minn naħa] meta informa lil persuna li timpjegah b'din l-inkapaċità għax-xogħol (li tirriżulta, pereżempju, minn marda) mingħajr dewmien indebitu (u għalhekk, bħala prinċipju, qabel it-tmiem tar-relazzjoni tax-xogħol) u [min-naħa l-oħra,] ipproduċa prova ta' din l-inkapaċità għax-xogħol (li tirriżulta, pereżempju, minn marda) (b'mod partikolari permezz ta' ċertifikat mediku) mingħajr dewmien indebitu (u għalhekk, bħala prinċipju, qabel it-tmiem tar-relazzjoni tax-xogħol)?

Fil-każ ta' risposta fin-negattiv, dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-ħaddiem li, minħabba inkapaċità għax-xogħol, ma setax jagħmel użu mid-drittijiet tiegħu għal leave annwali immedjatament qabel it-tmiem tar-relazzjoni tax-xogħol tiegħu, ikollu biss dritt għal [allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud] [minn naħa,] jekk ikun informa lill-persuna li timpjegah b'din l-inkapaċità għax-xogħol (li tirriżulta, pereżempju, minn marda) mingħajr dewmien indebitu (u għalhekk, bħala prinċipju, qabel it-tmiem tar-relazzjoni tax-xogħol) u [min-naħa l-oħra,] jekk ikun ipproduċa prova ta' din l-inkapaċità għax-xogħol (li tirriżulta, pereżempju, minn marda) (b'mod partikolari permezz ta' ċertifikat mediku) mingħajr dewmien indebitu (u għalhekk, bħala prinċipju, qabel it-tmiem tar-relazzjoni tax-xogħol) hija kompatibbli mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88?

3) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ara sentenzi tat-18 ta' Marzu 2004, C-342/01 [Gomez], punt 31; tal-24 ta' Jannar 2012, C-282/10 [Dominguez], punti 47 sa 50, u tat-3 ta' Mejju 2012, C-337/10 [Neidei], punt 37), l-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet legali li jipprovdu, favur il-ħaddiema, drittijiet ta' leave annwali jew allowance kumpensatorja ta' leave annwali iktar favorevoli mid-drittijiet minimi ggarantiti mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88. Dawn id-drittijiet minimi ggarantiti mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 għandhom effett dirett (ara sentenzi tal-24 ta' Jannar 2012, C-282/10 [Dominguez], punti 34 sa 36, u tat-12 ta' Ġunju 2014, C-118/13 [Boilacke], punt 28).

Fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, il-fatt li l-leġiżlatur nazzjonali jawtorizza, lil ċerta kategorija ta' persuni, dritt għal [allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud] li huwa sostanzjalment iktar favorevoli minn dak li huwa previst minn din id-dispożizzjoni tad-direttiva, għandu bħala konsegwenza li, minħabba l-effett dirett tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, il-persuni li, bi ksur [ta' din id-] direttiva, ġew miċħuda allowance kumpensatorja skont il-liġi nazzjonali huma wkoll intitolati għall-istess dritt għal [allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud] li huwa sostanzjalment iktar favorevoli minn dak li huwa previst minn din id-dispożizzjoni tad-direttiva, u li huwa previst fir-rigward tal-persuni li tiffavorixxi l-leġiżlazzjoni nazzjonali?

Fuq id-domandi preliminari

24 Permezz tat-tliet domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandux jiġi interpretat fis-sens li jippreskludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ċċaħħad mid-dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud, lil ħaddiem li r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu tkun intemmet wara t-talba tiegħu għall-irtirar u li ma setax jagħmel użu mid-drittijiet tiegħu kollha għal leave annwali mħallas qabel it-tmiem ta' din ir-relazzjoni ta' xogħol. Fl-affermattiv, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandhiex, skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 tipprovdi,

favur ħaddiem li, bi ksur ta' din id-dispożizzjoni ma għandux dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud, modalitajiet għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt iktar favorevoli minn dawk li jirriżultaw mid-Direttiva 2003/88, b'mod partikolari fir-rigward tal-ammont tal-allowance li għandha tingħatalu.

25 Sabiex tingħata risposta siewja għall-qorti tar-rinviju, għandu jitfakkar, l-ewwel nett, li kif jirriżulta mill-kliem stess tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, dispożizzjoni li d-direttiva ma tippermettix li ssir deroga minnu, kull ħaddiem għandu dritt għal leave annwali mħallas ta' mill-inqas erba' ġimgħat. Dan id-dritt għal leave annwali mħallas li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jitqies bħala prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni li għandu importanza partikolari, huwa għalhekk mogħti lil kull ħaddiem, indipendentement mill-istat ta' saħħa tiegħu (sentenzi tal-20 ta' Jannar 2009, Schultz-Hoff *et*, C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punt 54, kif ukoll tat-3 ta' Mejju 2012, Neidel, C-337/10, EU:C:2012:263, punt 28).

26 Meta r-relazzjoni ta' xogħol tintemm u li, għalhekk, it-teħid ta' leave annwali mħallas ma huwiex iktar possibbli, l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 jipprovdi li l-ħaddiem għandu dritt għal allowance sabiex jiġi evitat li, minħabba din l-impossibbiltà, kull użu mill-ħaddiem ta' dan id-dritt, anki f'forma pekunjarja, ma jiġix eskluż (ara s-sentenzi tal-20 ta' Jannar 2009, Schultz-Hoff *et*, C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punt 56 ; tat-3 ta' Mejju 2012, Neidel, C-337/10, EU:C:2012:263, punt 29, kif ukoll tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke, C-118/13, EU:C:2014:1755, punt 17).

27 Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, ma jistabbilixxi ebda kundizzjoni għall-għoti tad-dritt għal allowance għajr dak relatat mal-fatt, minn naħa, li r-relazzjoni ta' impjieg tkun intemmet, min-naħa l-oħra, li l-ħaddiem ma jkunx ħa l-leave annwali kollu li għalih huwa kien intitolat fid-data meta din ir-relazzjoni ntemmet.

28 Isegwi li, konformement mal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88, ħaddiem li ma setax jagħmel użu mid-drittijiet kollha tiegħu għal leave annwali mħallas qabel it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, għandu dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud. F'dan ir-rigward, ma hijiex rilevanti r-raġuni li għaliha r-relazzjoni ta' xogħol intemmet.

29 Għaldaqstant, il-fatt li l-ħaddiem itemm, fuq talba tiegħu stess, ir-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, ma huwiex rilevanti għad-dritt tiegħu, skont il-każ, għal allowance għad-drittijiet għal leave annwali mħallas li ma setax jisfrutta qabel it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu.

30 Fid-dawl ta' dak li ntqal, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ċċaħħad minn dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud lil ħaddiem li r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu tkun intemmet wara talba għall-irtirar min-naħa tiegħu u li ma setax jagħmel użu mid-drittijiet kollha tiegħu qabel it-tmiem ta' din ir-relazzjoni ta' xogħol.

31 Fir-rigward, it-tieni nett, ta' sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jitfakkar li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjonijiet jew prattiċi nazzjonali li jipprevedu li, meta tintemm ir-relazzjoni ta' xogħol, ebda allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud ma għandha titħallas lil ħaddiem assenti mix-xogħol minħabba leave għal mard matul il-perijodu ta' referenza kollu jew matul parti minnu u/jew matul il-perijodu ta' differiment jew matul parti minnu, raġuni li għaliha ma setax jagħmel użu mid-dritt għal leave annwali tiegħu (sentenzi tal-20 ta' Jannar 2009, Schultz-Hoff *et*, C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punt 62, kif ukoll tat-3 ta' Mejju 2012, Neidel, C-337/10, EU:C:2012:263, punt 30).

32 Konsegwentement, l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li, mal-irtirar, ħaddiem ikollu dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud minħabba l-fatt li ma setax jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu għal raġunijiet ta' mard (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Mejju 2012, Neidel, C-337/10, EU:C:2012:263, punt 32).

33 Isegwi li, fir-rigward tal-perijodu bejn il-15 ta' Novembru u l-31 ta' Diċembru 2010, li matul tiegħu huwa stabbilit li H. Maschek kien fuq leave għal mard u li, għal din ir-raġuni, huwa ma setax, matul dan il-perijodu, jagħmel użu mid-drittijiet għal leave annwali mħallsa li huwa kien akkwista, dan tal-aħħar għandu dritt, konformement mal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88, għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud.

34 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt għal leave annwali, stabbilit fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, għandu għan doppju, jiġifieri li jippermetti lil ħaddiem jistrieħ mit-twettiq tal-kompiti li huwa għandu obbligu jwettaq skont il-kuntratt ta' xogħol tiegħu u jgawdi perijodu ta' rilassament u rikreazzjoni (sentenzi tal-20 ta' Jannar 2009, Schultz-Hoff *et*, C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punt 25, u tat-22 ta' Novembru 2011, KHS, C-214/10, EU:C:2011:761, punt 31).

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u sabiex jiġi żgurat l-effett utli ta' dan id-dritt għal leave annwali, hemm lok li jiġi kkonstatat li ħaddiem li r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu tkun intemmet u li, abbażi ta' ftehim konkluż ma' min jimpjegah, filwaqt li baqa' jirċievi s-salarju, kien marbut ma jmurx għax-xogħol matul perijodu partikolari li ppreċeda l-irtirar tiegħu, ma għandux dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud matul dan il-perijodu, sakemm ma setax jagħmel użu minn dawn id-drittijiet għal raġunijiet ta' mard.

36 Konsegwentement, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk, konformement mat-tieni ftehim konkluż bejn H. Maschek u l-amministrazzjoni li timpjegah, tal-21 ta' Lulju 2011, kif riprodott fil-punt 13 ta' din is-sentenza, H. Maschek kienx effettivament marbut ma jmurx għax-xogħol matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' Ġunju 2012, u baqa' jirċievi s-salarju tiegħu. Fl-affermattiv, H. Maschek ma għandux dritt għal allowance għal leave annwali mħallas li ma setax jagħmel użu minnu qabel it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu.

37 Kuntrarjament, jekk matul dan il-perijodu, H. Maschek ma setax jagħmel użu mid-drittijiet għal leave annwali mħallas tiegħu għal raġunijiet ta' mard, aspett li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, dan tal-aħħar ikollu dritt, konformement mal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud.

38 Fir-rigward, it-tielet nett, tal-kwistjoni dwar jekk, skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandhiex tipprovdi, favur ħaddiem li, bi ksur ta' din id-dispożizzjoni, ma għandux dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud, modalitajiet għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt iktar favorevoli minn dawk li jirriżultaw mid-Direttiva 2003/88, b'mod partikolari fir-rigward tal-ammont tal-allowance li għandha tingħatalu, għandu jitfakkar li, għalkemm id-Direttiva 2003/88 għandha bħala għan li tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, li l-Istati Membri għandhom josservaw, dawn tal-aħħar għandhom, konformement mal-Artikolu 15 ta' din id-direttiva, id-dritt li jintroduċu dispożizzjonijiet iktar favorevoli għall-ħaddiema. Għalhekk, id-Direttiva 2003/88 ma tipprekludix dispożizzjonijiet interni li jipprovdu leave annwali ta' perijodu itwal mill-perijodu minimu ta' erba' ġimgħat iggarantit mill-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, mogħti taħt il-kundizzjonijiet ta' intitolament u ta' għoti stabbiliti mid-dritt nazzjonali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 47, kif ukoll tat-3 ta' Mejju 2012, Neidel, C-337/10, EU:C:2012:263, punti 34 u 35).

39 Konsegwentement, minn naħa, huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu jekk jagħtux lil ħaddiema leave annwali mħallas flimkien mal-leave annwali minimu mħallas ta' erba' ġimgħat previst fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88. F'din is-sitwazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-għoti, lil ħaddiem li, għal raġunijiet ta' mard, ma setax jagħmel użu mill-leave annwali mħallas addizzjonali qabel it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, ta' dritt għal allowance li jikkorrispondi ma' dan

il-perijodu addizzjonali. Min-naħa l-oħra, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' dan l-għoti (ara, sentenza tat-3 ta' Mejju 2012, Neidel, C-337/10, EU:C:2012:263, punt 36).

40 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata lid-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju għandha tkun li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li:

— jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ċċaħħad minn dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud lil ħaddiem li r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu tkun intemmet wara talba għall-irtirar min-naħa tiegħu u li ma setax jagħmel użu mid-drittijiet kollha tiegħu qabel it-tmiem ta' din ir-relazzjoni ta' xogħol;

— mal-irtirar, ħaddiem ikollu dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud minħabba l-fatt li ma setax jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu għal raġunijiet ta' mard;

— ħaddiem li r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu tkun intemmet u li, abbażi ta' ftehim konkluż ma' min jimpjegah, filwaqt li baqa' jirċievi s-salarju, kien marbut ma jmurx għax-xogħol matul perijodu partikolari li ppreċeda l-irtirar tiegħu, ma għandux dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud matul dan il-perijodu, sakemm ma setax jagħmel użu minn dawn id-drittijiet għal raġunijiet ta' mard;

— huma l-Istati Membri, minn naħa, li għandhom jiddeċiedu jekk jagħtux lil ħaddiema leave annwali mħallas flimkien mal-leave annwali minimu mħallas ta' erba' ġimgħat previst fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88. F'din is-sitwazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-għoti, lil ħaddiem li, għal raġunijiet ta' mard, ma setax jagħmel użu mill-leave annwali mħallas addizzjonali qabel it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, ta' dritt għal allowance li jikkorrispondi ma' dan il-perijodu addizzjonali. Min-naħa l-oħra, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' dan l-għoti.

Fuq l-ispejjeż

41 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, għandu jiġi interpretat fis-sens li:

— **jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ċċaħħad minn dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud lil ħaddiem li r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu tkun intemmet wara talba għall-irtirar min-naħa tiegħu u li ma setax jagħmel użu mid-drittijiet kollha tiegħu qabel it-tmiem ta' din ir-relazzjoni ta' xogħol;**

— **mal-irtirar, ħaddiem ikollu dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud minħabba l-fatt li ma setax jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu għal raġunijiet ta' mard;**

— **ħaddiem li r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu tkun intemmet u li, abbażi ta' ftehim konkluż ma' min jimpjegah, filwaqt li baqa' jirċievi s-salarju, kien marbut ma jmurx għax-xogħol matul perijodu partikolari li ppreċeda l-irtirar tiegħu, ma għandux dritt għal allowance għal leave annwali mħallas mhux meħud matul dan il-perijodu, sakemm ma setax jagħmel użu minn dawn id-drittijiet għal raġunijiet ta' mard;**

— **huma l-Istati Membri, minn naħa, li għandhom jiddeċiedu jekk jagħtux lil ħaddiema leave annwali mħallas flimkien mal-leave annwali minimu mħallas ta' erba' ġimgħat previst fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88. F'din is-sitwazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-għoti, lil ħaddiem li, għal raġunijiet ta' mard, ma setax jagħmel użu mill-leave annwali mħallas addizzjonali qabel it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, ta' dritt għal allowance li jikkorrispondi ma' dan il-perijodu addizzjonali. Min-naħa l-oħra, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' dan l-għoti.**

Firem